# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

### Seduta tal-Gimgha 14 ta' Gunju 2019

**Rikors Numru : 82/2019 JPG**

**Kawza Numru : 14**

**PC**

**U**

**JC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt ta' PC u JC, datat 14 ta' Frar 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Ili l-partijiet izzewwgu fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u tlieta u disghin (1993) fil-Knisja ta' San Mark gewwa r-Rabat, Malta, kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A. Illi minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, liema, tfal huma s-segwenti: A li ghandu wiehed u ghoxrin sena u qieghed jahdem a bazi full-time u mhuwiex qieghed jistudja; M li ghandu ghoxrin sena u qieghed jahdem a bazi full-time u mhuwiex qieghed jistudja; u Ay li ghandha erbatax-il sena u qieghda tistudja.*

*Illi l-partijiet sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni redatt fl-atti tan-Nutar Claire Camilleri fit-tletin (30) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) liema fotokopja hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok B. Illi l-partijiet sussegwentement varjaw dana l-kuntratt ta' separazzjoni permezz ta' varjazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni redatt fl-atti tan-Nutar Elizabeth Sciriha fl-erbgha u ghoxrin*

*(24) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017), liema fotokopja hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok C.*

*Illi l-manteniment tat-tifla Ay huwa rregolat permezz tal-klawzola numru tlieta tal-kuntratt tas-separazzjoni ddatat 30 ta' Lulju 2014 (Dok B), liema manteniment qieghed jithallas b'mod regolari u fil-hin u ma hemm l-ebda pendenzi jew arretrati. Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut lil A u M u dana ghaliex huma qieghdin jahdmu a bazi full-time u mhumiex qeghdin jistudjaw.*

*Illi in oltre skont l-istess klawzola numru tlieta (3) ta' l-istess kuntratt ta' separazzjoni l-partijiet iddekadew it-tnejn li huma mill-obbligu tal-manteniment lejn xulxin u ghalhekk ma hemm l-ebda manteniment jew pendenzi dovuti lil xi parti.*

*Illi l-partijiet prezentament jghixu l-boghod minn xulxin u ma jixtiequx jirrikonciljaw ma' xulxin u ghaldaqastant ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.*

*Illi r-rikorrenti jafu b'dawn il-fatti personalment u dan skont l-affidavit taghhom hawn annessi u mmarkati bhala Dok D u E;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civli, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jiehu l-passi kollha necessarji biex dan id-digriet ta' divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**PC** xehed illi l-partijiet izzewgu fit-23 t'Ottubru 1993 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fit-30 ta' Lulju 2014 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tlett itfal, li wahda minnhom ghada minuri u versu liema huwa jhallas manteniment b'mod regolari. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**JC** xehdet *et seqq* u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda ta' PC.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih***

***preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-23 ta' Ottubru 1993 (vide Dok A fol 4) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom tlett itfal, wahda minnhom minorenni;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Claire Camilleri, datat 30 ta' Lulju 2014 (vide Dok.B fol 5 et seqq.) liema kuntratt gie varjat b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Elizabeth Sciriha fl-24 ta' Frar 2017 (vide Dok. C, a fol 10 et seqq.);

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat inoltre illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin, u tqis illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxilhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**